**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 33**

**12 ta' Frar 2026**

Il-laqgħa numru 33 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-Ħamis 12 ta' Frar 2026 fid-09.30 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Miriam Camilleri | - | Viċi Sindku |
| Nazzareno Bugeja | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier (onlajn) |
| Matthew Bugeja | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tiffany Abela - Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **33** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| | F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija imma Daniel Zerafa kien qiegħed isegwi l-laqgħa online |
| | |
| **33.1** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| | Kien hemm korrezzjoni żgħira fuq id-dog Park fejn qabel kien immirat li jsir fi Triq San Franġisk ma' Triq Lepanto ma' Triq Labour u is-sit il-ġdid jinsab fi it-Triq San Franġisk ma' Triq Bartelemy u mhux kif indikat fi Triq Kavallerizza |

| | |
|---|---|
| | |
| 33.2 | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| | Is-Sindku qal li fi toroq il-ġodda ma kienx hemm qbil fuq fejn u kif ser isiru l-kanen tal-ilma in-naħa tal-Bankina. Daniel saqsa ala u sindku qal li huma xtaqu jagħmlu sleeve u l-kunsill kien qed jissuġġerixxi li jsiru naħa tal-bankina. |
| | Is-Sindku qal li f'Port Ruman kien hemm problema tal-ilma. S-siġar kellhom bżonn li jinżabru u kienet inġabet quote fuq dan. Minn kien ġie kien qal li kien hemm bżonn titkabbar it-toqba u tiżdied il-ħamrija. Is-Siġar qal li hu xtaq li siġar jinbidlu u l-maġġoranza tar-residenti xtaqu li dawn jinbidlu. Matthew Bugeja qal li hu ma jaqbilx li jinqalgħu u ma jerġgħux jitwaħħlu oħrajn flokhom. Is-sindku wieġeb li hekk jinqalgħu jerġgħu isiru oħrajn ta' varjetà oħra. Reno Bugeja issuġġerixxa li jsiru Palm. Is-Sindku qal li kien ser jitkellem mal-perit. Is-Sindku qal ukoll li kien talab lil Infrasturcture Malta sabiex jinbidlu l-arbli. |
| | Is-Sindku qal li fil-5 ta' Frar hu flimkien mas-segretarja kien iltaqa' mad-designer tas-Central Strip fi Triq Santa Katerina. Is-Sindku qal ukoll li dak in-nar kien iltaqa' mar-rapreżentant tal-electrogas li kien għoġbu ħafna disinn tal-ġnien.<br><br>Is-Sindku qal li fil-ġnien ta' Triq Kavallerizza, kien resaq lejhom persuna li qed jgħid li għandu aċċess għal għalqa minn fejn hu maħsub il-ġnien. Is-Sindku qallu biex iġib il-pjanti min għand il-lands. Il-perit tal-proġett qal li faċilment seta' jsir aċċess għalih. |
| | Fis-7 ta' Frar is-sindku kellu laqgħa ma' Chris Bonnett ħabba l-Maltemp u mbagħad il-ministru wera xewqa li jiltaqa' mas-sajjieda. Għal din il-laqgħa kienu preżenti L-Onor. Chris Bonett,Kurt Farrugia, CEO TM, Karen Zerafa CEO TM, James Cauchi TM, Janice Ellul, Steve Ellul, Rappreżentanti tas-Sajjieda. Din il-laqgħa saret fil-11 ta' Frar 2026. Is-Sindku qal li kien hemm pressure sabiex tiġi segretarju parlamentari imma kienet ħasret diversi drabi u għalhekk ma nħassx il-bżonn li tiġi. F'din il-laqgħa kien hemm ukoll il-kunsillier responsabbli mis-sajd. Waqt il-laqgħa tkellmu ukoll fuq yard żgħira l-ġewwa mill-break Water. Il-carpark kien sar propjetà ta' Transport Malta u parti minnu kien ser jingħata għas-sajjieda.<br><br>Punt1<br>Peress li l-parkeġġ issa waqa' taħt il-Ministeru tat-Trasport, il-Ministru ssuġġerixxa li l-ispazju jiġi maqsum b'mod ekwu bejn parkeġġ għall-karozzi u żona ddedikata għad-dgħajjes u l-karrijiet. Is-Sindku kkonferma li se ssir linja ċara li tindika ż-żona rriservata għad-dgħajjes. Saret talba mis-Sindku biex tiġi solvuta l-problema tad-dawl u jiġu installati kameras tas-sigurtà (CCTV) f'din iż-żona mnn TM<br><br>Punt 2<br>Waqt il-laqgħa issemma loader sabiex jintuża mis-sajjieda. Dan il-loader kien hemm wieħed bħalu il-freeport u Għawdex. Dan itella' dgħajjes u jipposthom ġol-parking area. Dan ser jevitaw il-karrijiet. Miriam Camilleri saqsiet min kien ser jopera dan il-lifter u s-sindku wieġen li din kienet qed tiġi diskussa. |

| | |
|---|---|
| | Punt 3<br><br>Is-sajjieda talbu li l-breakwater tan-naħa tal-Power Station jittawal biex joffri aktar kenn (ilqugħ) għall-bastimenti. Ġiet issuġġerita żona ħdejn il-Power Station fejn id-dgħajjes ikunu jistgħu jittellgħu u jinżammu fuq l-art. Ġiet diskussa l-installazzjoni ta' madwar erba' puntuni għal dgħajjes li ma jintużawx għas-sajd, bil-għan li ż-żona tal-Magħluq tibqa' rriservata għas-sajjieda. Il-Ministru nnota li dawn il-proġetti infrastrutturali jieħdu ż-żmien biex jiġu esegwiti, iżda wera r-rieda tiegħu li jinstabu soluzzjonijiet fattibbli.<br><br><br>Punt 4<br>Għaddejjin xogħlijiet fil-Magħluq. Is-Sindku informa li se javża lis-sajjieda li l-aċċess se jkun ristrett għal min ikun bil-pass biss sakemm jitlesta x-xogħol. Saret talba għal kameras tas-CCTV f'din iż-żona; bħalissa qed jiġi diskuss min se jkun responsabbli mill-monitoraġġ tagħhom. Ġie nnutat li l-'arm' (moll) qed jittiekel mill-baħar fuq in-naħa ta' barra. Sar suġġeriment biex din l-istruttura titwal.<br><br>Punt 5<br><br>**Skall Numru 10:** Il-pillars (arbli tad-dawl/servizz) li ma jaħdmux se jiġu rranġati.<br><br>**Pont tal-Qrejten:** Ġie ssuġġerit li ssir 'arm' ġdida biex tkisser il-mewġ u tipproteġi l-inħawi. |
| | Fil-11 ta' Frar is-sindku u deputat segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal-avukat minħabba ir-rilokazzjoni ta' żewġt posti tal-monti tal-Ħadd. |
| | Is-Sindku qal li l-permess tal-bini tal-Jogging Track kien sa 2027 u għalhekk is-sindku xtaq li jkellem il-perit sabiex il-kunsill jara mal-lands hekk jistgħax jinħareġ it-tender sabiex ix-xogħolijiet jibdew. Matthew Bugeja saqsa kif kienu ser jiġu l-flus u sindku wieġeb li l-kunsill seta' juża l-flus tal-powerstation. Għalhekk il-kunsill ħa vot fuq minn kien qed jaqbel li jinfetħu diskussjonijiet mal-lands. Vot favur 5, vot kontra xejn |
| | Is-Sindku qal li xtaq jiddiskuti l-imwejjed u siġġijiet, tabelli u skips sabiex ikunu organizzati. Matthew Bugeja qal li fuq dan il-kunsill kien ġa tkellem u qabel li kien ser ikun hemm tabella 1, u kemm it-tabella kif ukoll l-imwejjed u siġġijiet kellhom ikun l-ġewwa mil-linja safra. Kulħadd qabel ma dan. |
| | Is-Sindku qal li ProjectGreen kienu għamlu talba sabiex jiltaqgħu mas-Segretarju fuq Ġnien il-Familja. Hi kienet ser tiltaqa' magħhom u kienet ser tipproponi li jsir il-Ġnien fi Triq il-labour |
| | Is-Sindku qal li rigward il-proposta fuq il-vending machine il-venditur kien qed jissuġġerixxi li jsir kuntratt u jħallas għal din il-vending machine fi Triq l-Arznell. Fuq dan kien hemm qbil favur ta 4 kunsilliera, u wieħed kien kontra. |
| | |
| **33.3** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |

| | |
|---|---|
| | Matthew Bugeja saqsa hekk il-mirja li hemm fil-pagamenti kienux dawk ta' Delimara. S-Sindku wieġeb li dawk kienu saru minn IM u dawn kien stock għal kunsill. Matthew Bugeja saqsa ukoll hekk il-pagament li kien hemm tal-perit kienx fuq il-masterplan u DES spjegat li dan kien id-deposit. Matthew Bugeja saqsa ukoll fuq il-kontijiet tad-dawl u ala naħa tal-harbour lights jiġi aktar minn mir-roundabout? Is-Sindku wieġeb li dan kien minħabba l-Milied u tinda.<br><br>Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet, u Il-pagamenti kienu approvati. |
| | |
| **33.4** | **Pożizzjoni Vakanti Segretarju Ezekuttiv** |
| | Is-sindku qal li l-bord kien għamel l-intervisti ta' 2 kandidati u kien sab li Sa Vanessa Galea bħala l-aħjar kandidata għal pożizzjoni. Il-kunsill qabel mal-pożizzjoni tal-bord |
| | |
| **33.5** | **Pożizzjoni Vakanti Skala 15** |
| | Is-Sindku iddikjara konflitt ta' interess u telaq il-barra mill-kamra. Id-DES qalet li wara numru ta' intervisti li kienu saru l-bord tal-evalwazzjoni kienu għażlu lis-Sa Marija Blanche Bugeja għal din il-pożizzjoni peress li hi kellha diġà idea tax-xogħol wara li kienet ħadmet mal-kunsill bħala student worker. Il-Kunsill approva din l-għażla tal-bord.<br><br>Hawnhekk is-sindku reġa' daħal fil-kamra sabiex titkompla l-laqgħa. |
| | |
| **33.6 u 33.7** | **Unaudited Finanacial Statements u Q4** |
| | Dawn kien ser jiġu diskussa aktar tard peress li l-accountant kien għadu ma preżenthomx lil kunsill |
| | |
| **33.8** | **Data għal AGM** |
| | Wara diskussjoni l-kunsill qabel li laqgħa ġenerali annwali issir nhar il-20 ta' Frar fl-17.00 |
| | |
| **33.9** | **Riżultat tat-Tenders** |
| | Bħalissa t-tenders qed jiġu evalwati. |
| | |
| **33.10** | **Mistoqsijiet** |

| | |
|---|---|
| | Miriam Camilleri qalet li Triq Osiris qed ikun hemm ħafna dgħajjes u karrijiet. Is-Sindku qal li hemm minn għandu tiegħu, imma Miriam qalet li min għandu tiegħu ma ddumx għal tul ta' żmien. Is-sindku qal li kien ser jistenna sakemm tiġi solvuta l-problema tal-parking u naraw issolviex din it-triq ukoll.<br><br>Miriam Camilleri qalet x'ser isir fuq il-parking u dawl? Is-Sindku qal li hemm applikazzjoni sabiex jinqaleb minn għand it-turiżmu għal TM. Miriam Camilleri staqsiet ukoll fuq it-tindif u sindku wieġeb li kien ser issir laqgħa miegħek.<br><br>Matthew Bugeja saqsa meta ser issir il-pjazza u sindku wieġeb li l-flus mid-DLG kienu ġew approvati u IM kienu ser jagħmlu xi tisbiħ. Reno saqsa fuq it-tabelli ta' ħdejn tax-xahar fi Triq Bartelemy. S-sindku qal li kienu ser jinqalgħu it-toroq tal-madwar.<br><br>Daniel Zerafa saqsa fuq Triq it-tempji. S-Sindku qal li Transport Malta għamlu xi estensjonijiet in-naħa taż-Zejtun imma fuq in-naħa ta' Marsaxlokk ma sar xejn. Il-kunsill kien ġie mgħarraf ukoll li kienet inxtrat biċċa art mill-gvern sabiex isir il-proġett imma s'issa ma sar xejn.<br><br>Daniel saqsa ukoll fuq il-camera tal-one way fil-Magħluq. Is-Sindku qal li sabiex jonqsu l-ilmenti kienu tkabbru l-one ways. Daniel saqsa hekk jistgħux isiru l-bollards ħdejn l-istop sign sabiex jiggwidaw lis-sewwieqa. Is-Sindku qal li hekk kienu ser itellfu l-parking apparti li diġà kien hemm s-sinjali kbar tal-one way u sinjali mal-art. Għalhekk ittieħed vot fuq hekk għandhom jitwaħħlu l-bollards fil-parking. Voti favur 1 voti kontra 4<br><br>Daniel qal li fi Triq it-Trunċiera kienu ser jitniżżlu l-wires taħt l-art? Is-Sindku wieġeb li kien hemm gandott u hekk jistgħu isiru fi sleeve. Daniel qal ukoll li hu kien iddiżappuntat u kellu clash kbira rigward il-festival tan-nar. Kien qed jipproponi li l-Kunsill Lokali jibgħat email sabiex juri xewqa li dan il-festival tan-nar isir minn Marsaxlokk. Is-sindku qal li l-iskuża kienet is-santwarju tal-klieb li jinsabu f'post pubbliku. Għalhekk hu kien qed ipoġġi fuq il-mejda suġġeriment li dawn jinstabilhom post alternattiv li mhux f'post storiku u pubbliku. Hemm ukoll postijiet oħra li kellhom ikunu pubbliċi u ma kellhomx ikunu għand terzi. Matthew Bugeja qal li l-użu ta' binja storika kellu jkun għal-użu tan-nies f'għan kultulari. Għalhekk ittieħed vot:<br><br>Taqbel hekk issir talba mal-Heritage sabiex dawn is-siti jiġu mogħdija lura lil-pubbliku. Voti favur 5 voti kontra 0<br><br>Taqbel li għandhom jinfetħu diskussjonijiet għal-festival tan-nar is-sena dieħla sabiex dan isir minn Marsaxlokk. Voti favur 5, voti kontra 0 |
| | |
| **33.11** | **PA** |

| | |
|---|---|
| | Planning PA/315/26 Razzett tal-Majjali. Il-kunsill qabel li dan ir-razzett kien ser iġib ħafna problemi għar-raħal ta' Marsaxlokk fosthom rwejjaħ, ser tintmiss art ODZ f'park naturali, Delimara hu park nazzjonali li fih ma jistax isir kummerċ. Għaldaqstant il-kunsill qabel li joġġezzjona għal dan l-izvilupp. |
| | |
| | Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 20 ta' Frar 16.30. |

*Ikkonfermati llum 14 ta' April 2026*

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Tiffany Abela**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

*Proponent*

**IFFIRMATA**

________________________

*Sekondant*